MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Numru. 886/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Ioan- Florian Tet**

**Kumpilazzjoni Nru: 886/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ioan-Florian Tet, iben Ioan Silaghi u Maria xebba Tet, imwieled fil-11 ta' Ottubru, 1975 f'Oradea, Rumanija, u residenti temporanjament gewwa Kamra numru 110, Alexandria Hotel, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' Rumena serje XH numru 958576.

Akkuzat talli fil-granet ta' bejn it-13 u 16 ta' Settembru, 2014, gewwa l-Oracle Casino sitwat fi Triq Dawret il-Gzejjer San Pawl il-Bahar, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera xi haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu imamginarji jew sabiex inqanqal ingann tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghi.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammonti involuti, kif ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadte in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-interess principali tal-parte leza huwa li jigi restitwieti lilha l-flus mehuda.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' erbgha snin, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien xahar ihallas lill-parte leza s-somma ta' sitta u tletin elf Euro (€36,000). In oltre qed tipprojbixxi lill-imputat milli jidhol f'xi casino jew post iehor fejn isir loghob ta'l-azzard u dan ghal perjodu ta' erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------